**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 25 ta' Novembru 2020**

**Rik. Gur. Nru.: 6/2020/3 JPG**

**Kawza Nru.: 16**

**MG**

**Vs**

**BG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' BG, datat 23 ta' Jannar 2020, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qieghda titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;*

2. *Illi din it-talba tista ssir minn kull parti li u f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16;*

3. *Illi ma hemm xejn li ghandu jwaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-komunjoni li tezisti bejn il-partijiet f'dan l-istadju;*

4. *Illi hadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda pregudizzju u dana peress l-partijiet illum jghixu hajja separata;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti*

*joghgobha:*

i. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-mizzewgin MG u BG u dana permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) u li din l-ordni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b'att pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5);*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' MG, datata 8 ta' Lulju 2020, a fol 11 li taqra hekk:

1. *Illi permezz tar-rikors intavolat minnu datat 23 ta' Jannar, 2020, il-konvenut qed jitlob, fost affarijiet oħra, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-esponenti toġġezżjoni għal tali talba a bażi tas-sub-inċiż 4 tal-artikolu 55 li jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni, il-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati* ***preġudizzju mhux proporzjonat*** *bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawża u anke minħabba li għadhom ma bdewx jinġabru provi dwar dan;*

3. *Illi filfatt l-esponenti qegħda toġġezzjona li din it-talba issir f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn* ***lanqas għadhom bdew jinġabru l-provi****; kif ukoll għas-segwenti raġunijiet:*

   a. *Il-konvenut jahdem bhala funeral director u sa fejn taf l-esponenti ghandu introjtu konsiderevoli. Illi matul iz-zwieg huwa kellu tendenza li jahdem minghajr dokumenti ufficjali u jaqla ntrojtu fi flus kontanti. Illi ghalhekk, f'kaz li jkun hemm waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju, minghajr mal-esponenti kellha l-opportunita jtella l-provi taghha, ikun ferm*

*difficli għaliha li tiskopri l-introjtu kollu li qed jaqla l-konvenut min-negozju tiegħu, liema profitt qed jippercepih interament huwa;*

b. *Illi l-esponenti taf ukoll li l-konvenut għandu licenzja ta' taxi driver izda ma tafx lanqas x'inhu l-introjtu tiegħu stante li ma kellhix l-opportunita' li jtella l-provi tagħha;*

c. *Għaldaqstant, l-esponenti kienet bi ħsieba ittela diversi xhieda, quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex b'hekk tiġi stabbilita x'hemm f'isem il-konvenut; u jiġi stabbilt l-introjtu tal-konvenut u tal-esponenti fejn jidher li l-konvenut għandu dħul sostanzjali ferm aktar milli jiddikjara;*

4. *Riċentement, l-esponenti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza Ronald Asciak v. Antonia Asciak mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datata 21 ta' Novembru 2018 fejn ġie ritenut li*

*"Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet*

*tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficili ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni talakkwisti.*

*... Jekk din il-Qorti kellha tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni, hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju, li jista' joholqu pregudizzji sproporzjonati lill-intimata, li diga' allegat fuq xi tbabiz f'xi investimenti u addiritura lanqas ghada ma kellha l-opportunita' li tipproduci provi fuqhom.*
*Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi* ***x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-intimata****."*

*Illi għalhekk wara li l-esponenti tingħata l-opportunita' li tressaq il-provi dwar il-*

*kommunjoni tal-akkwisti u tisstabilixxi l-introjtu sħiħ tal-konvenut, fost affarijiet oħra, hija ma jkollha l-ebda oġġezzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf;*
*Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija, l-esponenti hija tal-umli opinjoni illi f'dan l-istadju t-talbiet tal-konvenut hekk dedotti fir-rikors odjern datat 23 ta' Jannar, 2020 huma għal kollox fiergħa u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza wara talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti maghmula mill-attur ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> **"*Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawżata' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*"**

Ir-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> **"*Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*"**

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> **"*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui nega.*"**

Il-Qorti rat illi fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 2020 il-konvenuta **irtirat l-oggezzjoni taghha** ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti kif mitlub mill-attur. Fic-cirkostanzi, l-Qorti tqis ghalhekk illi t-talba ta' BG ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' BG u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li din l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**